# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Sara Cassar

Illum 12 ta’ Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Sara Cassar   bint Carmel u Elizabeth nee` Axiaq   imwieled fl-02/06/2000 u joqghod 121, Shalom, Triq il-Falkunier, Zejtun ID 197200L

Billi int akkuzat talli fil-12 ta` Lulju, 2023 ghall-habta ta’ 20.20 hrs fi Triq Dun Karm, Birkirkara(junction side road to Swatar) soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni SAR602;

1. U aktar meta b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolarmenti

tat-traffiku , nvolontarjament ikkagunajt offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Mario Micallef skond kif iccertifika Dr. Jerom Spiteri MD. mill-MDH.

2. Soqt vettura ta` ghamla Peugeot 107 bin-numru tar-registrazzjoni SAR 602 b`manjiera traskurata.

3. Soqt vettura ta` ghamla Peugeot 107 bin-numru tar-registrazzjoni SAR 602 b`manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu226(1)(c) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a)(3) kap 65 u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputata.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta .

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 2390 A Coleiro u t-tabib Jerome Spiteri** xehdu permezz ta` affidavid

**Mario Micallef** xehed kif l-imputat baqghet diehlu fuq il-wara tal-vettura tieghu

**Sara Cassar** xehdet li baqghet diehla fuq il-vettura ta' quddiemha ghax ma ghafsitx il-brejk kif suppost u ghax kein hemm l-ilma, liema ilma kienet taf bih.

**Ikkunsidrat**

L-imputat wriet nuqqas ta' *proper lookout* meta baqghet diehla fil-vettura ta' quddiemha. Ma zammitx distanza adegwata bejn il-vettura li kienet issuq hi u l-vettura ta' quddiemha. Il-fatt li kien hemm l-ilma li kienet taf bih aktar ifisser li kellha izzomm distanza idoneja biex tirrejagixxi ghal emergenza subitanja li palezament ma zammitx. L-ewwel(1) imputazzjoni giet irtirata . Dan kien sewqan traskurat u bhekk tirrizulta t-tieni (2)imputazzjoni izda mhux it-tielet(3)

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli-artikolu226(1)(c) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a)(3) kap 65 u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Sara Cassar hatja tat-tieni imputazzjoni tikkundannha ghal multa ta'elf u mitejn euro (1200 )hmistghax(15) -il gurnata skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u erba' (4)punti mill-licenzji taghha tas-sewqan u tilliberahmill-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**